# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum it-30 ta' Lulju 2020**

Appell numru 193 tal-2019

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Shawn FENECH**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-25 ta' Ġunju, 2019 fil-konfront ta' Shawn FENECH, karta tal-identità bin-numru 21788 M li ġie mixli:

> Talli fil-lejl bejn id-9 u l-10 ta' Frar 2019 għall-ħabta ta' 01:00hrs bil-vettura XON023 fi ġewwa Dawret il-Gudja, Il-Gudja:
>
> 1) U aktar saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-imsemmija vettura fi triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi.

2) U kif ukoll talli pprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkohol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien iżjed mill-limitu preskritt.

Il-Prosekuzzjoni titlob li jiġi skwalifikat mill-liċenzja tiegħu tas-sewqan.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, *wara li rat l-akkuzi u l-liġi, ossija Kap 65 Artiklu 15B(1), Kap 65 Artiklu 15A* sabet lill-imputat Shawn FENECH ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, ikkundannatu għall-multa t'elf u tminn mitt ewro (€1800) pagabbli ratealment kif imsemmi fis-sentenza kif ukoll ordnat is-sospensjoni tal-liċenza għal żmien sitt (6) xhur u ordnatlu biex ai termini tar-regolament 78 tal-L.S.65.18 jgħaddi l-liċenza tas-sewqan lil Awtorita għat-Trasport f'Malta.

3. Illi Shawn FENECH interpona appell minn din is-sentenza u li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u b'dana ma ssibx lill-appellant ħati tal-istess imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u minnhom tilliberah minn kull ħtija, jew alternattivament tvarja s-sentenza f'dik il-parti li tikkonċerna l-piena nflitta fuq l-appellant billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għall-każ. Dan wara li, in breve, saħaq is-segwenti: -

   1. Ma tresqitx l-aħjar prova f'dan il-każ.
   2. It-test tan-nifs ittieħed b'mod abbużiv, illegali u kontra l-artikolu 15C tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan peress illi

l-Pulizija ma kellhom ebda suspett raġjonevoli li wassalhom għalbiex jagħmlu t-talba għat-test tan-nifs.

3. Il-Pulizija naqset milli tinforma lill-appellant li huwa kellu d-dritt li jitlob li jsirlu test tan-nifs ieħor u dan peress li l-emenda fir-regolament 5 tal-L.S.65.16 jagħtuh dak il-jedd.
4. Ir-Road Check ma sarx skont il-Liġi.
5. Il-Qorti sabet lill-appellant ħati fuq l-ewwel imputazzjoni minkejja li l-appellant ma kienx mogħti twissijiet skont il-Liġi kif ukoll il-jedd li jkun assistit minn avukat.
6. Illi l-apprezzament tal-provi fir-rigward tat-tieni imputazzjoni kien żbaljat in kwantu r-reat taħt l-artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta jeħtieġ mhux biss li persuna tkun ikkonsmat xorb alkoħoliku iżda wkoll li dan ix-xorb jiġi pruvat li jkun naqqas mill-kapaċita tas-sewwieq li jsuq.
7. Illi l-piena inflitta kienet waħda eċċessiva.

4. Illi din il-Qorti rat l-atti kollha proċesswali, rat l-affidavit tal-Aġent tal-Pulizija PC1594 Cleaven Abela kif ukoll il-*breathalyser report* eżebit bil-ġurament mill-Uffiċjal Prosekutur fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, kif ukoll semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

***Ikkunsidrat : -***

5. Illi matul il-kors tat-trattazzjoni tal-appell, id-Difiża ssollevat il-preġudizzjali tan-nullita tas-sentenza in kwantu fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) naqset milli tiċċita l-artikoli li joħolqu

r-reat fid-deċide tagħha, għalkemm inkludiet l-artikoli fil-korp tas-sentenza.

6. Din il-Qorti rat li verament li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) naqset milli ssemmi l-artikoli tal-Liġi fil-parti dispożittiva tas-sentenza. Iżda jirriżulta wkoll li din kienet sentenza miktuba fuq żewġ paġni. Fl-ewwel paġna hemm l-indikazzjoni tal-imputazzjonijiet (fejn il-Qorti inkludiet ir-referenza għall-artikoli rilevanti ħdejn iż-żewġt imputazzjonijiet) kif ukoll li fil-parti fejn il-Qorti għamlet il-motivazzjonijiet tagħha għamlet ukoll riferenza li *Rat l-akkuzi u l-liġi, ossija Kap 65 Artiklu 15B(1), Kap 65 Artiklu 15A.*

7. L-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi speċifikament x'għandu jkun fiha sentenza *ad validatem,* cioe :

   > Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun gie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.

8. L-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jeħtieġ *ad validitatem* li l-Qorti tal-Maġistrati issemmi fis-sentenza tagħha – mingħajr ma tispeċifika **<u>f'liema parti</u>** tas-sentenza - l-artikolu tal-Kodiċi Kriminali jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat. F'dan il-każ il-Qorti tal-Maġistrati semmiet l-artikolu li joħloq ir-reat fil-bidu tal-motivazzjonijiet tas-sentenza tagħha. B'hekk ma jiġix li l-Qorti tal-Maġistrati naqset milli ssemmi l-artikoli tal-Liġi li tikkontempla r-reat li in bażi tiegħu kienet qegħda ssib il-ħtija. F'dan il-każ l-artikoli tal-Liġi rilevanti kienu msemmija fil-motivazzjonijiet, fuq l-istess paġna, tliet linji qabel id-deċide tas-sentenza. Skont l-Imħallef

William Harding fis-sentenza mogħtija nhar is-27 t'Ottubru 1962 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Wiġi Azzopardi,*** fil-każ li f'ċerti :

> kontinġenzi d-dispositiv tas-sentenza jkun talment inxiddibilment marbut mal-motivazzjoni li jekk b'xi mod ikun dubbjuż għandu jieħu sens minnha... u kwindi hu loġiku, di fronti għat-termini ċari tal-paragrafu immedjatament preċedenti għad-dispożittiv, li dan, fid-dubju, jiġi interpretat skont il-motivazzjoni, anke għat-tenur tal-massima "in poenalibus benignius interpretandum est".

9. F'dan il-każ għalhekk jirriżulta li l-artikoli tal-Liġi kienu imsemmija fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u b'hekk ma jistax jingħad li dik is-sentenza kienet tonqos mir-rekwiżit *ad validitatem* tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali. Apparti minn hekk, kif deċiż diversi drabi minn dawn il-Qrati, formaliżmi **żejda** m'hemmx posthom fi proċeduri penali għax minflok jgħinu l-integrita tal-proċess penali jispiċċaw li jxekluh milli jilħaq wieħed mill-għanijiet prinċipali tiegħu – jiġifieri li ssir ġustizzja fi żmien raġonevoli. B'hekk il-Qorti tiċħad il-preġudizzjali tan-nullita sollevata mid-Difiża.

***Ikkunsidrat : -***

10. Illi fil-lejl bejn id-9 u l-10 ta' Frar 2019 għall-ħabta ta' 01:00hrs l-appellant kien qiegħed isur il-vettura XON023 fi ġewwa Dawret il-Gudja, Il-Gudja. Jirriżulta li dakinhar, f'dak il-post kien qiegħed isir roadcheck fejn PC1594 u xi kollegi tiegħu waqfu vettura tal-għamla Honda Accord bin-numru tar-reġistrazzjoni XON023 f*ejn inxtammet riha ta' xorb fuq ix-xufier, ghalhekk gie infurmat li ser isirlu l-'Breathalyser'*. L-appellant *gie mwissi li kien ser isirlu l-'Breathalyser Test' huwa accetta mmedjatament*. Meta l-appellant nefaħ fl-

istrument immarka ammont ta' 026.0ug/100ml. Malli mmarkalu dan l-ammont l-appellant ġie mitlub sabiex iċempel lil xi qraba biex imur xi ħadd għalih peress li skond il-ligi ma kienx fi stat tajjeb li jsuq. L-appellant ġie infurmat li kienu ser jinħarġu l-imputazzjonijiet kontra tiegħu.

11. Għalkemm l-affidavit ta' PC1594 jagħti x'jifhem li fuq il-post kien hemm xi kollegi tiegħu li ħadu sehem fir-roadcheck – in kwantu huwa jixhed fil-plural –

> waqt li **konna qeghdin naghmlu** r-'Roadchecks' fi Triq Dawret il-Gudja, Gudja, **waqqafna** vettura tal-ghamla Honda Accord bin-numru tar-registrazzjoni XON023 **fejn inxtamet** riha ta' xorb fuq ix-xufier, ghalekk gie nfurmat li ser isirlu l-'Breathalyser.'

Dan kien l-uniku testimonjanza li l-Prosekuzzjoni preżentat relattivament għall-dan il-każ – minbarra ċ-*chit* bir-riżultat tal-*Alcovisor Jupiter* – li għalkemm jirriżulta meħud minn PS1226 mill-Għassa taż-Żejtun u ma ttellax jixhed jew xehed b'affidavit, liema chit kien ġie preżentat mill-Uffiċjal Prosekutur.

12. PC1594 jgħid li <u>**instammet**</u> riħa ta' xorb fuq ix-xufier, mingħajr ma jindika li kien hu – jew almenu – kien hu ukoll li xamm din ir-riħa. Biss anke jekk din il-Qorti tifhem li b'din il-verb huwa xamm din ir-riħa wkoll, ma ġewx mogħtija raġunijiet oġġettivi u li wasluh biex jitnissillu s-suspett li s-sewwieq appellant setgħa ma kienx fi stat li jsuq vettura bil-mutur. Ma ingħatat ebda informazzjoni dwar il-mod ta' kif is-sewwieq appellant kien qiegħed isuq qabel ma ġie mwaqqaf, dwar il-veloċita li biha kien qiegħed isuq, dwar l-imġieba tiegħu fuq l-*isteering wheel*, dwar l-imġieba u l-kliem

tiegħu wara li ġie mwaqqaf minnhom. Jiġifieri f'dan il-każ l-unika fatt li – għalkemm b'sens ta' dubju - jista' jingħad li ġie perċepit minn wieħed mis-sensi ta' dan ix-xhud ordinarju kien li *inxtamet riha ta' xorb fuq ix-xufier*.

13. Minbarra dan, wara li ġie mwaqqaf is-sewwieq appellant, ma jirriżultax li xi wieħed mill-Aġenti tal-Pulizija preżenti wissa' jew ta' d-drittijiet skont il-Liġi lill-appellant qabel ma dan aċċetta li jagħti l-kampjun tan-nifs. PC1594 jgħid li l-appellant ġie mwissi li kien ser isirlu l-"*Breathalyser Test*" u l-appellant aċċetta immedjatament.

***Ikkunsidrat : -***

14. Illi l-ewwel imputazzjoni hija bażata fuq l-artikolu 15B(1) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta (l-Ordinanza) jaqra bil-mod segwenti : -

> Ebda persuna m'għandha ssuq, tipprova ssuq jew tkun fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq jew f'post pubbliku ieħor wara li tkun ikkunsmat tant alkoħol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina jkun iżjed mil-limitu preskritt.

15. Illi x-xenarju maħluq mill-Ordinanza inbidel xi ftit bis-saħħa tal-Avviż Legali 392 tal-2010, kif emendat bl-Avviż Legali 422 tal-2015 u 28 tal-2018. Din il-Liġi Sussidjarja 65.16 tirregola kif it-test tan-nifs għandu jsir. Qabel xejn it-test tan-nifs imsemmi fl-Ordinanza għandu jsir permezz tal-istrument muri fl-Ewwel Skeda għal dawn ir-regolamenti, li huwa *l-Alcovisor Professional Breath Alcohol*

*Analyser*, mudell *Jupiter* jew kwalunkwe mudell ieħor li għandu l-istess funzjoni.

16. Issa meta l-Pulizija jużaw dan l-*Alcovisor* biex iwetqu t-test tan-nifs, ir-**rizultati miksuba** bl-użu ta' dan l-apparat għandhom jiġu trattati bħala dawk ir-riżultati analitiċi msemmija fl-artikolu 15E(1) tal-Ordinanza.[1] Jiġifieri r-riżultati tat-test magħmul bl-*Alcovisor* jkunu ammissibbli bħala prova f'kull proċediment għal reat taħt l-artikoli 15A jew 15B(1) tal-Ordinanza; kif ukoll li dawn ir-riżultati għandhom jiġu preżunti bħala korretti sakemm ma jiġix ppruvat il-kuntrarju. Il-konsegwenza hi li r-riżultat huwa ammissibbli bi prova fi proċeduri kriminali, quddiem Qorti ta' Ġustizzja Kriminali, li jistgħu iwaslu għal sejbien ta' ħtija ta' delitt li għalih hemm il-piena ta' priġunerija. Apparti minn hekk dan ir-riżultat joħloq preżunzjoni *iuris tantum* li huwa korrett u mbagħad jispetta għall-parti avversa li tipprova l-kuntrarju.

17. Dan ir-regolament 4 tal-L.S. 65.16 jgħid li r-**riżultati miksuba** bl-użu ta' dan l-apparat għandhom jiġu trattati bħala dawk ir-riżultati

[1] Dan l-Artikolu jgħid hekk : -

> 15E.(1) Sabiex jiġi deċiż jekk persuna għamlitx xi reat taħt l-artikoli 15A u 15B(1) uffiċjal tal-Pulizija jista' jeħtieġ li dik il-persuna -
> (a) tagħti kampjun tan-nifs jew kampjun għall-analiżi permezz tal-istrument approvat, skont ir-regolamenti magħmula taħt din l-Ordinanza, u r-riżultat hekk miksub għandu jkun ammissibbli bħala prova f'kull proċediment għal reat taħt l-artikoli 15A jew 15B(1). Ir-riżultati tal-analiżi għandhom jiġu preżunti bħala korretti sakemm ma jiġix ppruvat il-kuntrarju; jew
> (b) tagħti kampjun jew kampjuni tad-demm u l-urina għall-analiżi tal-laboratorju, li għandhom isiru fil-laboratorju approvat, skont ir-regolamenti magħmula taħt din l-Ordinanza, u l-opinjoni tal-analista f'dak il-laboratorju u r-riżultati tal-analiżi għandhom ikunu ammissibbli bħala prova f'kull proċediment għal reat taħt l-artikoli 15A jew 15B(1). Ir-riżultati tal-analiżi għandhom jiġu preżunti bħala korretti sakemm ma jiġix ppruvat il-kuntrarju:
> Iżda l-uffiċjal tal-Pulizija jista' b'żieda mal-kampjuni tan-nifs jeħtieġ ukoll kampjun tad-demm jew żewġ kampjuni tal-urina.

analitiċi msemmija fl-artikolu 15E(1) tal-Ordinanza. Iżda mbagħad ma jsemmi xejn dwar il-konsegwenzi li jista' jkun hemm jekk is-sewwieq jagħżel li ma jagħmilx it-test tan-nifs bl-*Alcovisor* – jiġifieri jekk jiskattawx ukoll id-disposizzjonijiet tal-artikolu 15E(4) kontra tiegħu b'mod li dak ir-rifjut jitqies fih innifsu bħala reat kriminali nonche l-preżunzjoni *iuris tantum* li l-proporzjon tal-alkoħol fin-nifs kien ogħla minn dak preskritt fil-Liġi. Fuq dan il-punt il-Liġi hija siekta, u l-Qorti b'hekk ikollha wkoll tiskot fuqu.

18. Jekk il-kampjun tan-nifs ikollu mhux iżjed minn 50 mikrogramma ta' alkohol f'100 millilitru ta' nifs – bħal ma kien fil-każ in disamina - il-persuna li tkun tatu tista' titlob li dan jiġi sostitwit b'dak il-kampjun bħal dawk li jistgħu jkunu meħtieġa taħt l-artikolu 15E(1)(b) tal-Ordinanza u, jekk mbagħad jagħti kampjun bħal dak, ebda kampjun tan-nifs ma għandu jintuża. Jiġifieri fl-eventwalita fejn il-persuna li tkun tat il-kampjun tan-nifs, ir-riżultat bl-*Alcovisor* jimmarka mhux aktar minn 50ug/100ml ta' nifs, l-istess persuna għandha d-dritt li titlob li dan it-test tan-nifs jiġi sostitwit bil-mezz tat-test tal-kampjun tad-demm u tal-urina għall-analiżi tal-laboratorju, fil-*Malta National Laboratory* u mbagħad it-test tan-nifs ma jkunx jista' jintuża bi prova. F'din l-eventwalita jkunu r-riżultati tal-analiżi u l-opinjoni tal-analista f'dak il-laboratorju li mbagħad ikunu meqjusa ammissibbli bħala prova fi proċeduri penali taħt l-artikoli 15A jew 15B(1) tal-Ordinanza. Aktar minn hekk dawn ir-riżultati huma preżunti bħala korretti sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju.

19. Il-kampjuni tan-nifs jistgħu jintalbu li jingħataw fil-post jew viċin il-post fejn l-istess kampjuni jkunu intalbu, jew f'għassa tal-Pulizija, ċentru tas-saħħa jew sptar. Il-kampjuni tad-demm jistgħu jiġu mitluba li jingħataw f'għassa tal-Pulizija, ċentru tas-saħħa jew sptar. Iż-żewġ kampjuni tal-urina mitluba għall-analiżi għandhom jingħataw b'intervall ta' siegħa bejniethom u fl-analiżi għandu jintuża dak il-kampjun li jingħata l-aħħar. Il-kampjuni tal-urina jistgħu jintalbu li jingħataw f'għassa tal-Pulizija, ċentru tas-saħħa jew sptar.

20. Din il-Qorti jidhrilha li dawn ir-regolamenti jridu jiġu moqrija flimkien mal-artikoli tal-Ordinanza u jridu jiġu interpretati b'mod konformi mal-istess artikoli tal-Liġi. L-Ordinanza teħtieġ li meta Uffiċjal tal-Pulizija jiġi biex jitlob lil sewwieq biex joqgħod għal test tan-nifs, l-Uffiċjal tal-Pulizija jrid ikollu almenu **<u>suspett raġjonevoli</u>** li l-

> (a) persuna tkun qed issuq jew tipprova ssuq jew tkun fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku ieħor u li jkollha l-alkohol f'ġisimha jew li tkun għamlet reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew kontra xi regolamenti magħmula taħtha waqt li l-vettura bil-mutur kienet miexja; jew
> (b) persuna kienet issuq jew tipprova ssuq jew kienet fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq jew f'post pubbliku ieħor u li kellha alkohol f'ġisimha u li dik il-persuna kien għad għandha l-alkohol f'ġisimha; jew
> (ċ) persuna kienet issuq jew tipprova ssuq jew kienet fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq jew f'post pubbliku ieħor u li għamlet reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew kontra xi regolamenti magħmula taħtha waqt li l-vettura bil-mutur jew vettura oħra kienet miexja; jew
> (d) persuna kienet issuq jew tipprova ssuq jew kienet fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq jew f'post pubbliku ieħor meta dik il-vettura bil-mutur jew vettura oħra kienet involuta f'aċċident, huwa jista' jeħtieġ li dik il-persuna tagħti kampjun tan-nifs għal test tan-nifs.

21. Jiġifieri **qabel** ma Uffiċjal tal-Pulizija jkun jista' jeħtieġ lil xi sewwieq ta' vettura bil-mutur biex jagħti kampjun tan-nifs għat-test tan-nifs bl-*Alcovisor* huwa jrid almenu jkollu elementi biżżejjed li jsawrulu s-suspett raġjonevoli li s-sewwieq saq jew ipprova jsuq jew kellu l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fi triq jew f'post pubbliku u li jkollu l-alkoħol f'ġismu, jew li s-sewwieq ikun għamel reat kontra l-Ordinanza jew xi regolamenti magħmula taħtha waqt li l-vettura bil-mutur kienet miexja jew li meta misjuqa, dik il-vettura kienet involuta f'xi inċident. Jiġifieri għall-fini tal-artikolu 15C tal-Ordinanza dan is-suspett raġjonevoli jista' jitnissel f'moħħ l-Uffiċjal tal-Pulizija anke mis-sempliċi fatt li s-sewwieq ikollu riħa ta' xorb fuqu; iżda l-fatt li jkun hemm dik ir-riħa ta' xorb *sic et simpliciter* ma jfissirx li dik il-persuna ssir awtomatikament ħatja tar-reat taħt l-artikoli 15A jew 15B(1) tal-Ordinanza.

22. Imbagħad jekk dak l-Uffiċjal tal-Pulizija jkollu suspett raġjonevoli li sewwieq setgħa kien involut f'xi wieħed jew aktar minn dawn ix-xenarji imsemmija fl-artikolu 15C tal-Ordinanza, huwa jista' jeħtieġ li jitlob lis-sewwieq li jagħti kampjun għat-test tan-nifs. Jekk l-Uffiċjal tal-Pulizija jkollu dan is-suspett raġjonevoli u l-apparat li jkollu disponibbli u li jintuża għat-test tan-nifs ikun l-*Alcovisor*, jekk is-sewwieq jagħmel it-test tan-nifs, allura mbagħad jiskattaw ir-regoli msemmija aktar il-fuq fir-rigward tar-riżultati ta' dak it-test tan-nifs imsemmija aktar il-fuq.

23. Biss jibqa' l-fatt li biex jagħmel dan l-Artikolu 15C tal-Ordinanza jeħtieġ li l-Uffiċjal tal-Pulizija jkollu s-suspett raġjonevoli li bl-

imġieba tiegħu is-sewwieq jista' jkun involva ruħu fil-kommissjoni ta' xi reati, li jistgħu ikunu xi wieħed mid-delitti msemmija taħt l-artikoli 15A jew 15B(1) tal-Ordinanza. Meta jiġri hekk u l-Uffiċjal tal-Pulizija jitnissillu dan is-suspett raġjonevoli ta' ksur tal-Artikoli 15A jew 15B(1) tal-Ordinanza, x'għandu jagħmel bih dak is-suspett? Iżommu għalih jew jaġixxi fuqu? Il-Liġi teħtieġ lil dan l-Uffiċjal tal-Pulizija li jieħu azzjoni investigattiva pertinenti għall-funzjoni u mansjoni pubblika tiegħu. U meta jiġi biex jieħu azzjoni investigattiva **<u>minħabba</u>** dan is-suspett raġjonevoli fis-sewwieq, l-istatus legali tas-sewwieq ma jibqax ta' sempliċi persuna li tkun infurmata fuq fatti rilevanti għal stħarriġ mill-Pulizija, jew sempliċiment ta' xhud. Is-sewwieq, fit-termini ta' din l-istess Liġi jsir suspettat li wettaq reat kriminali taħt l-artikoli 15A jew 15B(1) tal-Ordinanza. U l-mument li s-sewwieq isir suspettat li jkun wettaq dawn ir-reati kriminali l-Uffiċjal tal-Pulizija jkollu d-dritt u dmir li jinvestigah, filwaqt li s-sewwieq ikollu dritt li jiġi mgħarraf li dan l-Uffiċjal tal-Pulizija jkun tnissillu s-suspett raġjonevoli li s-sewwieq setgħa kkommetta dawn ir-reati kriminali. U wara l-introduzzjoni tal-Att IV tal-2014 kif emendat bl-Att VIII tal-2015 u mbagħad bl-Att LI tal-2016 f'dan il-kuntest ta' suspett raġjonevoli ta' kummissjoni ta' reati kriminali naxxenti mill-artikoli 15A u 15B(1) tal-Ordinanza, anke s-sewwieq ta' vettura bil-mutur għandu jgawdi d-drittijiet bħal kull persuna oħra li fl-ambitu t'investigazzjonijiet mill-Pulizija Eżekuttiva tkun saret suspettata li tkun wetqet tali reat kriminali u li tkun ġiet infurmata mill-Uffiċjal tal-Pulizija li tkun hekk suspettata u b'hekk ikunu applikabbli fil-

konfront tiegħu id-drittijiet ai termini tal-artikolu 534A et seq tal-Kodiċi Kriminali.

24. U dan ukoll għaliex meta l-Uffiċjal tal-Pulizija jgħaddi biex jeżiġi mis-sewwieq li jagħti kampjun tan-nifs għat-test tan-nifs, ġaladarba li din l-istedina hija bażata skont il-Liġi fuq is-suspett raġjonevoli żviluppat preċedentement mill-Uffiċjal tal-Pulizija li s-sewwieq ikun suspettat li wettaq reat kriminali (in specie taħt l-artikoli 15A u 15B(1) tal-Ordinanza), bl-istess talba tiegħu biex is-sewwieq jagħti kampjun tan-nifs, l-Uffiċjal tal-Pulizija jkun qiegħed ukoll juri b'mod ċar lis-sewwieq li huwa, bħala Uffiċjal tal-Pulizija ġieħ is-suspett raġjonevoli fih li setgħa wettaq reat kriminali. Huwa għalhekk importanti li anke f'dan l-istadju, s-sewwieq li jkun suspettat li wettaq reati kriminali li jġorru piena karċerarja jingħatawlu d-drittijiet tiegħu bħal kull persuna suspettata oħra li ma tkunx suspettata li wetqet reati serji kontra l-Ordinanza.

25. Issa minbarra dan, jekk fil-kuntest aktar il-fuq imsemmi, l-Uffiċjal tal-Pulizija jeħtieġ lil persuna suspettata li tagħti kampjun tan-nifs, u dan isir bl-użu tal-*Alcovisor*, bis-saħħa tal-emendi fil-L.S. 65.16, ir-riżultat ta' dan it-test jitqies li huwa ammissibbli u jista' speċifikament iservi ta' prova fi proċeduri penali meħuda taħt l-artikoli 15A u 15B(1) tal-Ordinanza. Jiġifieri hija prova ammissibbli fi proċeduri kriminali għal delitti li l-piena erogabbli għalihom tista' tkun dik ta' priġunerija.

26. Din il-Qorti tisħaq li r-regolamenti fil-Liġi sussidjarja 65.16 huma intiżi li jinqraw b'mod konformi mal-artikoli tal-Ordinanza u ma jistgħux dawn ir-regolamenti jissostitwixxu jew jidderogaw mid-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew ta' Liġijiet oħra intiżi li jagħtu protezzjoni lil persuni suspettati li wetqu reat kriminali b'mod partikolari meta dan ikun punibbli bi priġunerija. L-anqas ma jistgħu iservu biex jaġġiraw dak li l-istess artikoli tal-Ordinanza jippreskrivu. Dan allura japplika wkoll kull meta Uffiċjal tal-Pulizija jitnissillu suspett raġjonevoli fil-konfront ta' sewwieq ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra – li setgħet tkun wetqet delitt taħt l-Ordinanza jew regolamenti magħmulin taħtha u li għalihom jista' wkoll ikun hemm il-piena ta' priġunerija u li jeħtieġ minnha li tagħti kampjun tan-nifs – irrispettivament fejn dan l-Uffiċjal tal-Pulizija jinzerta jkun qiegħed – fit-triq daqskemm fl-uffiċju jew band'oħra.

27. L-emendi fir-regolamenti tal-L.S. 65.16 huma maħsuba li jiffaċilitaw l-użu tal-*Alcovisor* u tar-riżultanzi ta' dan it-test bħala prova ammissibbli għall-fini ta' proċeduri kriminali taħt l-artikoli 15A u 15B(1) tal-Ordinanza. Huma kienu wkoll intiżi li jwarbu l-proċedura preċedenti relattiva għall-użu tal-*breathalyser test* li kienet maqsuma fi tnejn u li jissimplifikawha billi t-test li jsir fuq il-post bl-*Alcovisor* ikun ritenibbli ammissibbli bi prova fi proċeduri kriminali taħt l-artikoli 15A u 15B(1) tal-Ordinanza – u mhux sempliċiment jibqa' indikattiv bħal ma kien qabel.

28. Iżda minkejja din l-intenzjoni pratticita tal-Leġiżlatur, tali emendi fir-regolamenti jġibux magħhom ukoll il-konsegwenza li l-kumplament ta' dak misjub fl-artikoli 15C sa 15I tal-Ordinanzja għandhom jitwarbu jew jiġu superati b'dak imsemmi fir-regolamenti. Huma r-regolamenti misjuba fil-Liġi Sussidjarja li jridu jbaxxu rashom għad-disposizzjonijiet tal-Att Prinċipali – jiġifieri l-Ordinanza - u mhux bil-maqlub.

29. Biex l-Uffiċjal tal-Pulizija jkun jista' jeżiġi li jsir test tan-nifs lil sewwieq huwa jrid jitnissillu s-suspett raġjonevoli xi s-sewwieq ikun involut f'xi wieħed miċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 15C tal-Ordinanza. Jekk jirriżulta xi fatt li jnissel tali suspett raġjonevoli f'moħħ l-Uffiċjal tal-Pulizija, huwa jkun jista' jipproċedi bit-talba għat-test tan-nifs, li tkun trid issir skont ir-regolamenti misjuba fil-L.S. 65.16. Iżda għalkemm ir-riżultati tat-test tan-nifs bl-użu tal-*Alcovisor,* jistgħu ikunu ammissibbli bi prova fi proċeduri kriminali fuq l-artikoli 15A u 15B(1) tal-Ordinanza, biex dan ikun jista' legalment isir, hemm ukoll liġijiet oħra li jridu jiġu osservati wkoll sabiex din l-evidenza speċifika tkun tista' titqies li hija ammissibbli bi prova fi proċeduri kriminali.

30. L-artikolu 15C tal-Ordinanza jrid jinqara' wkoll fid-dawl ta' dak li jipprovdu l-artikoli 15D u 15G tal-istess Ordinanza li jgħidu li :

> 15D. Uffiċjal tal-Pulizija jista' jgħaddi biex jarresta persuna jekk -
> (a) bħala rizultat ta' test tan-nifs l-uffiċjal tal-Pulizija jkollu suspett raġonevoli li l-proporzjon ta' alkohol fid-demm ta' dik il-persuna jkun iżjed mil-limitu preskritt; jew
> (b) dik il-persuna tonqos milli tagħti kampjun tan-nifs għal test tan-nifs meta meħtieġa tagħmel hekk skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 15Ċ

sakemm dik il-persuna tkun ġiet avżata li n-nuqqas jew ir-rifjut li tagħmel dak meħtieġ kien reat.

15G. Persuna meħtieġa li tagħti kampjun tan-nifs, tad-demm jew tal-urina tista' tiġi miżmuma mill-Pulizija sakemm il-Pulizija jkun jidhrilha li dik il-persuna tkun f'kundizzjoni li ssuq.

31. Dawn id-disposizzjonijiet ma ġewx abrogati jew mibdula. Skont kif kienet tisħaq ġurisprudenza varja, ġie ritenut li hemm distinzjoni fil-mod ta' kif isir it-test tan-nifs imsemmi taħt l-artikoli 15C u 15D tal-Ordinanza, mill-analiżi tal-kampjun tan-nifs stipulat fl-artikolu 15E tal-Ordinanza; u li kien hemm ukoll distinzjoni dwar l-użu li jista' jsir minn dawn ir-riżultati; u dwar il-konsegwenzi ta' meta persuna tirrifjuta milli tagħti test tan-nifs għal meta tirrifjuta li tagħti kampjun tan-nifs, demm jew urina għall-analiżi fil-laboratorju approvat.

32. Iżda issa l-emendi fir-regolamenti misjuba fl-L.S.65.16 ġabu magħhom konverġenza almenu f'dak li jirrigwarda r-riżultati li joħorġu mit-test tan-nifs bl-użu tal-*Alcovisor* – fis-sens li bl-użu tal-*Alcovisor*, ir-riżultat tat-test tan-nifs huwa ammissibbli bħala prova f'kull proċediment għal reat taħt l-artikoli 15A u 15B(1) tal-Ordinanza u dawn ir-riżultati huma preżunti korretti salv prova kuntrarja. Biss, apparti dan, id-disposizzjoni tal-artikoli 15C, 15D, et seq. tal-Ordinanza baqgħu invarjati – minkejja din il-bidla bil-mezz tar-regolamenti fir-rigward tal-valur probatorju tat-test tan-nifs li jkun meħud fuq il-post fejn ikun twaqqaf is-sewwieq bil-mezz tal-*Alcovisor*.

33. Għalhekk l-artikolu 15D tal-Ordinanza għadu jagħmel distinzjoni bejn il-konsegwenzi li jitnisslu mir-rifjut tas-sewwieq li joqgħod għat-test tan-nifs taħt l-artikolu 15C; għal dak ir-rifjut li jitnissel ai termini tal-artikolu 15E(4) tal-Ordinanza. U kif intqal qabel ir-regolamenti baqgħu siekta fir-rigward ta' jekk issa bis-sistema ta' test waħdieni bl-*Alcovisor* jkollu valenza probatorja, ir-rifjut tat-test tan-nifs fuq il-post jikkostitwix ukoll ir-reat taħt l-artikolu 15E(4) tal-Ordinanza. Iżda la l-Liġi hi siekta, il-Qorti trid ukoll tiskot fuq dan il-punt.

34. Illi qabel id-dħul ta' dawn l-emendi fir-regolamenti misjuba fil-L.S. 65.16, fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Julian Sciberras*** deċiża minn din il-Qorti presjeduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono nhar it-13 ta' Marzu 2001 ġie speċifikat li :

> Fuq dawn il-fatti l-ewwel qorti ma setghetx legalment issib lil Sciberras hati tar-reat kontemplat fis-subartikolu (4) tal-Artikolu 15E tal-Kap. 65, u dan ghal raguni wahda u semplici. Il-ligi tiddistingwi bejn kampjun tan-nifs li jista' jintalab li jinghata ghall-finijiet ta' **test** tan-nifs (Art. 15C), u z-zewg kampjuni li jistghu jintalbu li jinghataw ghall-finijiet ta' l-**analizi** permezz ta' strument approvat (Art. 15E(1)(a)). Huwa biss jekk wiehed jirrifjuta jew jonqos milli jaghti wiehed jew aktar minn dawn iz-zewg kampjuni (cioe` ghall-finijiet tal- analizi permess ta' strument approvat) li wiehed ikun qed jikkommetti r-reat kontemplat fl-imsemmi subartikolu (4) tal-Artikolu 15E. Dan huwa car mill- kliem adoperati fl-imsemmi subartikolu: "Persuna li tirrifjuta jew tonqos milli taghti kampjun kif mahsub taht dan l-artikolu [u mhux ukoll taht l-Artikolu 15C] tkun hatja ta' reat..." Persuna li tirrifjuta li taghti n-nifs ghall-finijiet tat-test tan- nifs, jigifieri ghall-finijiet ta' dak li komunement jissejjah ir-*roadside test* (ara d- definizzjoni ta' "test tan-nifs" fl-Artikolu 15I(1)) tkun soggetta li tigi arrestata taht l-Artikolu 15D (basta li tkun inghatat it-twissija imsemmija fil-paragrafu (b) tal-imsemmi Artikolu 15D), mehuda d-Depot tal-Pulizija, u biss jekk hemm, cioe` fid-Depot, tibqa' tirrifjuta jew tonqos milli taghti n-nifs kif mehtieg ghall- analizi, u minghajr raguni valida skond il-ligi, tkun hatja tar-reat kontemplat fl-Artikolu 15E(4). Fi kliem iehor, dak li kellu jaghmel il-Kuntistabbli Cristina kien li jarresta lil Sciberras u jiehdu d-Depot, u mhux semplicement jehodlu d- dettalji u jhallieh sejjer. Ghalhekk fuq il-fatti kif irrisultaw, l-ewwel qorti

> ma setghet qatt issib lill-appellant hati kif effettivament sabitu, cioe` tar-reat kontemplat fl-Artikolu 15E(4) tal-Kap. 65. Dak li ghamel l-appellant kien jammonta ghar-reat minuri u kontravvenzjonali, izda kompriz u involut fit-tieni imputazzjoni, u cioe` li naqas li jobdi ordni legittima tal-pulizija bi ksur tal- Artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali. Fir-rikors tieghu ta' appell, l-appellant jikkontendi li hu ma nefahx fil-pajp ghax kellu halqu migugh minhabba daqqa li kien qala' fuq halqu b'risultat ta' l-incident awtomobilistiku. Din il-Qorti, pero`, bhall-ewwel qorti, tara li din kienet semplici skuza, anzi skuza banali, li l- appellant hareg biha wara biex jipprova jiggustifika n-nuqqas tieghu li jaghti n-nifs kif kien qed jigi mitlub mill-pulizija.

35.Fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Francis Pace*** deċiża minn din il-Qorti presjeduta mill-Imħallef Vincent De Gaetano nhar it-22 ta' Settembru 1999, jingħad ukoll li t-twissija jew il-*caution* (li tingħata dwar il-fatt li n-nuqqas jew ir-rifjut li l-ġudikabbli jagħti kampjun tan-nifs hu reat) hija meħtieġa biss sabiex il-Pulizija tkun tista' tarresta lil dak li jkun li jonqos milli jagħti kampjun tan-nifs għat-test tan-nifs fuq il-post – u dan skont l-artikolu 15D tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta. Jiġifieri l-konsegwenza tar-rifjut fil-każ ta' nuqqas ta' għoti ta' kampjun tan-nifs għat-test tan-nifs fuq il-post huwa l-arrest immedjat (u dak iż-żmien - t-teħid tal-ġudikabbli fl-Kwartieri Ġenerali sabiex issir l-analiżi bil-mezz tal-istrument approvat. Imbagħad ikun ir-rifjut li l-ġudikabbli li jissottometti ruħu għal din l-analiżi li tista' twassal għar-reat taħt l-artikolu 15E(4) tal-Kodiċi Kriminali u għall-fini ta' dar-reat ebda twissija ma hi meħtiega).[2]

[2] ***Il-Pulizija v. Emanuel Camilleri***, Qorti tal-Appell Kriminali deċiża nhar it-30 ta' April, 1999, u ***Il-Pulizija v. Anthony Cutajar***, Qorti tal-Appell Kriminali deċiża nhar it-2 ta' Settembru, 1999.

36.Ifisser li dan ix-xenarju inbidel xi ftit bis-saħħa tal-fatt li r-riżultat tat-test tan-nifs magħmul bl-*Alcovisor* issa għandu jiġi trattat bħala r-riżultat analitiku msemmi fl-artikolu 15E(1) tal-Ordinanza[3] u b'hekk jekk jintuża dan l-apparat fuq il-post, ma hemmx aktar għalfejn li s-sewwieq jittieħed l-Għassa jew il-Kwartieri Ġenerali għall-użu tal-analiżi bil-mezz tal-istrument approvat. L-*Alcovisor* **huwa** l-istrument approvat. Iżda l-istess regolamenti xorta waħda ħallew il-possibilita li jsir l-analiżi tad-demm jew tal-urina fiċ-ċirkostanzi speċifikati.

37.Illi fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Ramon Fenech*** mogħtija minn din il-Qorti presjeduta mill-Imħallef Michael Mallia nhar is-26 ta' Marzu 2015 fejn ingħad is-segwenti : -

> Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel akkuza meta persuna tirrifjuta li tossottometti ruhha ghall-ezami tan-nifs f'dak illi huwa maghruf bhala "roadside test", dan jaghti lok ghall-arrest tal-persuna u mhux ghar-reat indikat fic-citazzjoni. Ir-reat imbaghad jigi ikkunsmat meta dak li jkun jittiehed fil-kwartieri generali tal-pulizija fejn hemm l-apparat ordnat mil-ligi u f'dak l- istadju jirrifjuta illi jiehu l-ezami. F'dan il-kaz johrog car illi l-appellat ittiehed biss l-ghassa ta' Birkirkara u minn hemmhekk intbaghat id-dar. Teknikament, ghalhekk, la darba ma giex offrut l-ezami fil-laboratorju tal-kwartieri generali tal-pulizija l-appellat ma jistax jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni (ara "Pulizija versus Julian Sciberras", Appell Kriminali, 13 ta' Marzu 2001, kif ukoll Il-Pulizija versus Raymond Parnis, 2 ta' Mejju 2012).

38.Inoltre fis-sentenza ***Il-Pulizija vs. Raymond Grech Marguerat*** deċiża minn din il-Qorti presjeduta mill-Imħallef Edwina Grima nhar it-28 ta' Ġunju 2017 saħqet is-segwenti :

[3] Mingħajr distinzjoni bejn 15E(1)(a) u (b) tal-Ordinanza.

> Dan ifisser allura illi r-rifjut li jossottoponi ruhu ghat-test tan-nifs fit-termini ta' l-artikolu 15C wassal ghall-arrest ta' l-appellat, kif mahsub fl-artikolu 15D tal-Kap.65. Jekk imbaghad isehh ir-rifjut biex isirlu t-test tan-nifs gewwa l-ghassa tal-pulizija, huwa hemmhekk biss li jiskatta r-reat. Ir-reat b'hekk jista' jigi ikkunsmat biss meta ikun hemm ir-rifjut gewwa l-ghassa tal-pulizija.[4]

39. Biss peress li skont l-artikoli 15C u 15D tal-Ordinanza, l-Uffiċjal tal-Pulizija jista' jeħtieġ lis-sewwieq biex jagħti kampjun tan-nifs għat-test tan-nifs, u tali ħtieġa hija forma ta' ordni leġittima mogħtija minn Pulizija lil persuna, fl-appell ***Sciberras*** aktar il-fuq imsemmi ġie meqjus li bir-rifjut tiegħu is-sewwieq ikun jista' jitqies li jkun ikkommetta r-reat minuri u kontravvenzjonali, iżda kompriż u involut fit-tielet imputazzjoni, u ċioe` li naqas li jobdi ordni leġittima tal-Pulizija bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali.

40. Kif tinqal, l-artikolu 15D tal-Ordinanza għadu jipprovdi li l-Uffiċjal tal-Pulizija (li jrid ikollu xi suspett raġjonevoli imsemmi fl-artikolu 15C tal-Ordinanza biex jitlob lil sewwieq li jagħti kampjun tan-nifs għat-test tan-nifs), jista' jgħaddi għall-arrest tas-sewwieq jekk :-

    (a) bħala riżultat ta' test tan-nifs l-Uffiċjal tal-Pulizija jkollu suspett raġonevoli li l-proporzjon ta' alkohol fid-demm ta' dik il-persuna jkun iżjed mil-limitu preskritt; jew
    (b) jekk is-sewwieq jonqos milli jagħti kampjun tan-nifs għal test tan-nifs - meta meħtieġ jagħmel hekk skont id-dispożizzjonijiet

[4] Ara wkoll ***Il-Pulizija vs Raymond Parnis***, deċiża nhar it-2 ta' Mejju 2012 minn din il-Qorti ippreseduta mill-Imħallef Michael Mallia.

tal-artikolu 15C - sakemm dik il-persuna tkun ġiet avżata li **n-nuqqas jew ir-rifjut li jagħmel dak meħtieġ kien reat**.

41. Filwaqt li din il-Qorti tifhem li bis-saħħa tar-regolamenti tal-L.S.65.16 issa huwa ċar li r-riżultat tat-test tan-nifs meħud bl-*Alcovisor* huwa ammissibbli bi prova għall-fini tar-reat taħt l-artikoli 15A u 15B(1) tal-Ordinanza, din il-Qorti tifhem ukoll li tali żvilupp ma jistax jiġi interpretat jew implimentat b'mod li jidderoga jew jirrestrinġi jeddijiet bażiċi ta' persuna **suspettata li wetqet tali delitt li jikkomportaw piena karċerarja fil-każ ta' sejbien ta' ħtija**.

42. Meta sewwieq jagħżel li joqgħod għal test tan-nifs bl-*Alcovisor*, huwa jkun qiegħed jissottoponi lilu nnifsu għal test li r-riżultat tiegħu, bis-saħħa tal-Liġi innifisha, jkun jista' jittieħed bi prova kontra tiegħu fi proċeduri kriminali għal delitti taħt l-artikoli 15A u 15B(1) tal-Ordinanza li jġorru piena karċerarja; u li tali prova għandha tali saħħa li r-riżultat tat-test jiġi, *iuris tantum*, preżunt li huwa korrett.

43. Mill-banda l-oħra jekk is-sewwieq jagħżel li jirrifjuta li jagħmel it-test tan-nifs, bl-artikolu 15D tal-Ordinanza li ma ġiex mibdul minkejja l-introduzzjoni tal-emendi fir-regolamenti tal-L.S.65.16, l-istess sewwieq ikun soġġett li jiġi arrestat, u għall-dan ir-rifjut tiegħu, jista' jiġi meqjuż li jikkommetti reat kontravvenzjonali.

44. Iżda aktar minn hekk, biex l-Uffiċjal tal-Pulizija jkun jista' jgħaddi għall-arrest tas-sewwieq fil-każ li dan jagħżel li jonqos milli jagħti

kampjun tat-test tan-nifs li jkun meħtieġ minnu bis-saħħa tal-artikolu 15C tal-Ordinanza, l-istess Uffiċjal tal-Pulizija jkun ried li, **<u>qabel</u>** ma l-istess sewwieq ikun ħa d-deċiżjoni tiegħu jekk jirrifjutax it-test jew le, ikun wissa' lis-sewwieq li **<u>n-nuqqas jew ir-rifjut li jagħmel dak meħtieġ kien reat</u>**. Peress li l-Uffiċjal tal-Pulizija ma jkunx jaf x'ser tkun id-deċiżjoni tas-sewwieq qabel ma dan jistaqsih, huwa loġiku li din it-twissija trid tingħata dejjem qabel ma huwa jeżiġi mis-sewwieq li jagħti kampjun tan-nifs.

45. Il-konsegwenza legali li llum titnissel mit-test tan-nifs magħmul bl-*Alcovisor Professional Breath Alcohol Analyser; Model Jupiter* iġġib il-konsegwenza li r-riżultati jkunu jgħoddu daqslikieku kienu meħuda bl-istrument approvat u b'hekk jistgħu jiġu ammessi bħala prova favur jew kontra s-sewwieq fi proċeduri kriminali li l-eżitu tagħhom jista' jkun piena karċerarja. Dawn huma konsegwenzi li jistgħu jkunu ta' preġudizzju għas-sewwieq. Biex jagħmel tajjeb għal dan il-potenzjali preġudizzju, kull sewwieq li jsib ruħu f'dik is-sitwazzjoni ta' suspett raġjonevoli għandu, qabel ma huwa jkun issottometta ruħu għal tali test tan-nifs, jiġi debitament imwissi mill-Uffiċjal tal-Pulizija dwar id-drittijiet tiegħu ta' suspettat li wettaq reati kriminali punibbli bi priġunerija nonche li jingħata t-twissijiet relattivi għall-fini tat-test tan-nifs.

46. Illi dan japplika aktar u aktar illum fejn bis-saħħa tar-regolament 5 tal-L.S.65.16 jekk il-kampjun tan-nifs ikollu mhux iżjed minn 50 mikrogramma ta' alkohol f'100 millilitru ta' nifs, il-persuna li tkun tatu tista' titlob li dan jiġi sostitwit b'dak il-kampjun bħal dawk li

jistgħu jkunu meħtieġa taħt l-artikolu 15E(1)(b) tal-Ordinanza u, jekk mbagħad jagħti kampjun bħal dak, ebda kampjun tan-nifs ma għandu jintuża. Biex dan id-dritt jitqies li huwa effettiv, is-sewwieq għandu jkun mgħarraf bih ukoll. Fil-fatt f'dan il-każ ir-riżultat tat-test ta 26.0ug/100ml u b'hekk l-appellant kien jikkwalifika li jinvoka dan ir-regolament.

47. Illi dawn il-Qrati kellhom diġa opportunita li jippronunzjaw ruħhom kwantu għal dak li jirrigwarda l-obbligu tal-Uffiċjali tal-Pulizija li jagħtu l-jeddijiet ta' persuni suspettati li wetqu reat kriminali lil sewwieqa ta' vetturi bil-mutur, nonche li jagħtu t-twissijiet speċifiċi lil tali sewwieqa in proċint li jissottoponu lilhom infushom għat-test tan-nifs.

48. Din il-Qorti diversament preseduta, fl-appell fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Raymond Grech Marguerat*** deċiża nhar it-28 ta' Ġunju 2017 iddeċidiet li :

> Illi l-Qorti tqies illi t-twissija meta jkun ser jigi issomministrat t-test tan-nifs ghandha tigi spjegata car u tond. Dan ghaliex din mhijiex is-solita twissija li hija ikkontemplata fil-ligi ghaliex il-ligi tippresuponi l-htija meta jkun hemm ir-rifjut u allura l-pulizija investigattiva ghandha tkun attenta doppjament meta jinghata l-caution f'dawn il-kazijiet fejn allura l-persuna suspettata ghandha tinghatat d-dritt li tikkonsulta ma' avukat qabel ma taghti t-twegiba taghha billi b'tali twegiba tkun tista' tinkrimina ruhha. Fil-fatt il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem testendi it-tifsira ta' "criminal charge" mill-mument illi persuna tkun ser tigi affetwata minn xi att investigattiv tal-pulizija (ara Alexander Zaichenko vs Russia – 18/02/2010): "The Court reiterates that in criminal matters, Article 6 of the Convention comes into play as soon as the peson is "charged"; this may occur on a date prior to the case coming before the trial court, such as the date of arrest, the date when the person concerned was officially notified that he would be prosecuted or the date when the preliminary investigations were opened. 'Charge' for the purposes of article 6(1) may be defined as the official notification given to an individual by the

competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence" a definition that also corresponds to the test whether the situation of the person has been substantially affected."

**Dan ifisser allura illi mill-mument ta' l-arrest ta' l-appellat meta ittiehed mill-post tal-incident lejn l-ghassa tal-pulizija huwa kellu jigi moghti l-jedd jikkonsulta ma' l-avukat tal-fiducja tieghu qabel ma jinkrimina ruhu bir-rifjut tieghu li joqghod ghat-test tan-nifs li kien qed jigi mitlub jaghmel, iktar u iktar meta kollox kien qed jindika illi l-appellat ma kienx qed jifhem dak li kien qed jinghad lilu.** Ghal dawn il-motivi ghalhekk din il-Qorti issib illi ma tistax taqleb id-decizjoni liberatorja moghtija mill-Ewwel Qorti.[5]

49. Fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Claude Formosa***, deċiż fit-23 ta' Lulju 2019 din il-Qorti diversament presjeduta, anke fuq l-iskorta tas-sentenza ***Grech Marguerat***, aktar il-fuq imsemmija, kienet saħqet illi :

Illi l-Qorti tqies illi t-twissija meta jkun ser jigi issomministrat t-test tan-nifs ghandha tigi spjegata car u tond u jidher li f'dan il-kaz din il-materja ma hiex qed tigi kkontestata. Dan ghaliex din mhijiex is-solita twissija li hija ikkontemplata fil-ligi ghaliex il-ligi tippresuponi l-htija meta jkun hemm ir-rifjut u allura l-pulizija investigattiva ghandha tkun attenta doppjament meta jinghata l-caution f'dawn il-kazijiet fejn allura l-persuna suspettata ghandha tinghatat d-dritt li tikkonsulta ma' avukat qabel ma taghti t-twegiba taghha billi b'tali twegiba tkun tista' tinkrimina ruhha.

Illi f'dan il-kaz jirrizulta li l-appellant gie mehud l-ghassa sabeix jaghti dan il- kampjun tan-nifs bhal parti mill-investigazzjoni sabeix iwaslu ghal proceduri quddiem il-Qorti. Ghalhekk f'dak l-istadju l-appellant gja kien qed jigi kunsidrat bhala 'suspettat' u mhux semplici xhud.

50. Dawn iż-żewġt każijiet ikkonċentraw fuq il-jedd tas-sewwieq li jingħata d-drittijiet tiegħu ta' suspettat mill-mument li huwa ġie arrestat u meħud l-Għassa tal-Pulizija. Biss kif intqal aktar il-fuq f'din is-sentenza, biex l-Uffiċjal tal-Pulizija jkun jista' jeżiġi li s-

[5] Enfażi miżjuda.

sewwieq joqgħod għat-test tan-nifs, dan l-Uffiċjal ikun irid qiegħed jaġixxi in segwitu għal s-suspett raġjonevoli li jkun tnissillu qabel. Dan is-suspett raġjonevoli jista' jissarraf fl-azzjoni li jeżiġi lis-sewwieq li joqgħod għat-test tan-nifs – mingħajr il-ħtieġa li huwa jkun arresta lis-sewwieq fis-sens ta' din l-Ordinanza. Kif intqal aktar il-fuq dan l-Uffiċjal tal-Pulizija li jitnissillu suspett li sewwieq ikun ikkommetta reat kriminali jnissel ukoll fis-sewwieq il-jedd li s-sewwieq ikun jaf li huwa jinsab taħt tali suspett. Issa l-mument li l-Uffiċjal tal-Pulizija jwaqqaf lis-sewwieq, jiġieh is-suspett raġjonevoli li dan jista' jkun li kkommetta r-reati taħt l-artikoli 15A jew 15B(1) tal-Ordinanza u jeżiġi mis-sewwieq li dan joqgħod għat-test tan-nifs, din l-ordni leġittima fiha nnifiha hija manifestazzjoni tas-suspett raġjonevoli li dan l-Uffiċjal tal-Pulizija jkun ifforma fis-sewwieq. In kwantu tali għalhekk f'dak il-mument is-sewwieq ikun akkwista l-istatus legali ta' suspettat u għandu jgawdi mhux biss id-dritt li jiġi mwissi bit-tifsira tat-test tan-nifs u l-konsegwenzi tar-riżultat ta' dan it-test u d-drittijiet naxxenti mill-Ordinanza u r-Regolamenti, nonche l-konsegwenzi tar-rifjut li huwa jagħmel dan it-test, iżda s-sewwieq għandu wkoll jgawdi mid-drittijiet ta' persuna suspettata skont l-artikolu 534A tal-Kodiċi Kriminali.

51. Similment għal dan il-każ, fil-każ ***Formosa*** ġie nnutat illi s-sewwieq setgħa jkun passibbli għal reat li jġorr miegħu piena ta' priġunerija. Il-kwistjoni legali li s-sewwieq kien qiegħed jaffaċċja mhix waħda ta' sempliċi kontravvenzjoni tar-regolamenti tat-traffiku jew reati minuri. Anke f'dan il-każ l-appellant kien qiegħed jiġi mwaqqaf fuq suspett ta' kommissjoni ta' delitti taħt l-

artikoli 15A u 15B(1) tal-Ordinanza li jġorru piena ta' priġunerija skont l-artikolu 15H tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

52.L-argument imsemmi fl-appell **Formosa**, b'mod partikolari fejn għandu x'jaqsam l-għoti tat-twissija speċifika relattiva għat-test tan-nifs u l-konsegwenzi tar-rifjut tiegħu nonche l-jedd għall-assistenza legali - jsib ukoll postu f'dan il-każ. Din il-Qorti tifhem li f'materja ta' *road-side checks or interviews* il-Pulizija tkun trid qabel xejn tibda' tistabbilixxi jew taċċerta ċerti fatti. Il-Qorti tifhem ukoll li mhux kull ksur tar-regolamenti tat-traffiku huwa tal-istess serjeta u gravita. B'hekk il-Pulizija trid, sa minn dak l-istadju bikri, tagħmel distinzjoni bejn suspett raġjonevoli ta' ksur ta' liġi serju bħal dawk kontemplati fl-artikoli 15A u 15B(1) tal-Ordinanza u dawk li ma jkunx.

53.Din il-Qorti hija konxja minn dak imsemmi minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-appell ***Il-Pulizija vs Mark Scicluna,*** deċiż nhar it-23 ta' Jannar 2014 meta qalet li t-twissija formali għandha tingħata biss meta l-persuna tkun taħt arrest; u li meta persuna tkun qed issirilha *roadside interview* din ma tkunx taħt arrest u l-Pulizija tkun biss qegħda tipprova tistabbilixxi l-fatti u tieħu l-verżjoni tal-partijiet involuti f'inċident; u li dawn il-partijiet, sa dak l-istadju, ma jkunux taħt arrest; u li jekk ma jikkoperawx mal-Pulizija dawn jistgħu ikunu passibbli għal reati oħra.

54.Iżda din il-Qorti jidhrilha li f'dan il-każ s-sitwazzjoni tal-appellant ma kienetx sempliċiment dik ta' *road-side check or interview* fuq xi

suspett ta' xi reat minuri bħal kontravvenzjoni ta' xi regolament tat-traffiku li ma jġorrx pieni karċerarji. Is-suspett fih kien bilfors ferm aktar serju minn hekk. Mill-affidavit preżentat PS1594 jirriżulta li l-Pulizija ġihom is-suspett fl-appellant għax inxtammet riħa ta' xorb. Kieku dan il-fatt kien ġie pruvat skont il-Liġi u sal-grad rikjest mill-Liġi, dan kien ikun **reat serju li jimporta piena karċerarja prosegwibbli quddiem Qorti ta' Ġustizzja Kriminali**.

55. Għalkemm dan is-suspett tnissel fl-istess kuntest cirkostanzjali bħal ma jistgħu jitnisslu ħafna suspetti ta' kontravvenzjonijiet żgħar tat-traffiku, il-mod kif tali każijiet għandhom jiġu mistħarġa, investigati u mmexxija ma jistax isegwi l-istess proċeduri bħal dawk applikabbli għal reati tat-traffiku minuri.

56. B'mod partikolari wara li bl-emendi tal-2015, it-test tan-nifs jista' isir direttament fuq il-post bl-*Alcovisor Professional Breath Alcohol Analyser; Model Jupiter* u dan it-test iġib il-konsegwenzi msemmija fl-artikolu 15E(1) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, il-kwadru legali jsir aktar kumpless minn dak li kien qabel l-emendi tal-2015, bil-konsegwenzi imsemmija aktar il-fuq.

57. Din il-Qorti tifhem li t-teħid tal-kampjuni tan-nifs u t-testijiet bl-*Alcovisor* imsemmija aktar il-fuq huwa fl-interess pubbliku. It-teħid ta' dawn it-testijiet tan-nifs ma jistgħux jiġu mxekla jew imdewmin għal żmien twil sabiex is-sewwieq suspettat jottjeni l-parir legali. Iżda fis-sistema legali Malti fejn jekk is-sewwieq li jkun irid assistenza legali jista' jagħmel dan anke bit-telefon u jekk fil-każ fejn ma jkunx jista' jagħmel kuntatt mal-avukat tal-fiduċja

tiegħu huwa xorta waħda għandu l-għażla li jagħmel kuntatt m'avukat għal-għajnuna legali li jkun imissu t-turn anke permezz tat-telefon, dil-Qorti ma tarax li għandu jkun hemm xkiel biex din is-sistema titħaddem b'suċċess u jintlaħaq il-bilanċ meħtieġ bejn il-jeddijiet ta' persuna suspettata li wetqet reati kriminali serji punibbli bi priġunerija u l-interess pubbliku li jiġi mrażżan is-sewqan taħt influwenza ta' xorb jew drogi taħt liema artikolu tal-Liġi jkun.

58.F'dan il-każ, minn imkien ma jirriżulta jekk f'xi ħin, qabel ma l-appellant ġie mistoqsi jekk kienx jaċċetta li jsiru t-test tan-nifs, jekk ingħatax il-jeddijiet tiegħu jew it-twissijiet imsemmija. F'dan il-kuntest, din il-Qorti ma tistax tqis li jkun *safe and satisfactory* li tqis ir-riżultat ta' dan it-test tan-nifs, magħmul mingħjar kawteli u twissijiet fejn hemm konsegwenzi legali serji li jitnisslu kemm jekk isir u kemm jekk ma jsirx, bħala prova ammissibbli.

59.Fin-nuqqas ta' dawn ir-riżultanzi din il-Qorti ma tistax tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova t-tielet imputazzjoni.

***Ikkunsidrat : -***

60.Illi r-reat ipotizzat fit-tieni imputazzjoni jippreskrivi li : -

> 15A.(1) Ebda persuna ma għandha ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku ieħor jekk ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi.
>
> (2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, persuna titqies li m'hijiex f'kundizzjoni li ssuq jekk il-kapaċità tagħha li ssuq sew tkun għal xi ħin imnaqqsa.

61. Fis-sentenza bl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Marlon Montebello***, din il-Qorti diversament preseduta kienet ikkonsidrat is-segwenti :

> Kif din il-Qorti kellha okkazzjoni tosserva fis-sentenza taghha tat-2 ta' Settembru, 1999 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Francis Pace***, biex jigi deciz jekk persuna kienitx qed issuq "meta l-kapacita` taghha li ssuq sew [kienet] ghal xi hin imnaqqsa"[1] minhabba xorb (jew drogi) bi ksur ta' l-Artikolu 15A, wiehed jista' jiehu in konsiderazzjoni provi ohra, cioe` apparti mir-risultat o meno ta' l-analizi maghmula skond l-Artikolu 15E. Tali prova ohra tista' tinkludi il-komportament u l-kundizzjoni fizika tas-sewwieq, kif ukoll ir-risulatat tat-test (preliminari) tan-nifs maghmul taht l-Artikolu 15C. Kwantu ghall-hekk imsejjha "caution", din it-twissija (cioe` t-twissija li n-nuqqas jew rifjut li wiehed jaghti kampjun tan-nifs hu reat) hi mehtiega biss sabiex il-pulizija tkun tista' tarresta lil minn hekk jonqos milli jaghti il-kampjun ghat-test tan-nifs (mhux ghall-analizi), u dan skond l-Artikolu 15D(b); ghall-finijiet tar-reat kontemplat fl-Artikolu 15E(4) ebda twissija ma hi mehtiega (ara ***Il-Pulizija v. Emanuel Camilleri***, App. Krim., 30di ta' April, 1999, u ***Il-Pulizija v. Anthony Cutajar***, App. Krim., 2 ta' Settembru, 1999).

62. Dan ifisser li għall-fini ta' integrazzjoni tar-reat taħt l-artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti tista' tieħu in konsiderazzjoni **provi oħra** ***apparti*** mir-riżultat o meno tal-analiżi magħmula skont l-artikolu 15E tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistgħu jinkludu l-komportament u l-kundizzjoni fiżika tas-sewwieq.

63. Kif intqal aktar il-fuq l-unika frażi li l-Aġent tal-Pulizija jgħid fl-affidavit tiegħu u li setgħet tiġġustifika suspett fl-appellant kienet li l-appellant kien ġie mwaqqaf waqt *road-check* fejn inxtammet riħa ta' xorb fuqu. Din il-Qorti ma tiddubitax minn dan u tqis li dan il-fatt kien biżżejjed biex inissel suspett raġjonevoli f'dan l-Aġent tal-

Pulizija biex ikun jista' jibda' jieħu l-miżuri skont il-Liġi fil-konfront tas-sewwieq.

64. Iżda fid-dawl tal-ġurisprudenza aktar il-fuq imsemmija, il-Qorti bilfors trid tistaqsi l-mistoqsija – apparti dik ir-riħa ta' xorb li nxtammet, x'kienet dik l-imġieba tal-appellant li setgħet ħasbet lill-Pulizija li l-appellant setgħet kien fi stat ta' sokor? Kien il-mod kif kien qiegħed isuq? Kien il-mod kif kien qiegħed iġib ruħu? Kien il-mod kif kien qiegħed jitkellem? Kienet xi spavalderija fis-sewqan jew fl-imġieba jew fil-kliem tiegħu? Kien hemm xi atti t'erratiċita inspjegabbli fl-imġieba jew sewqan tal-appellant? Kollox f'daqqa? L-affidavit huwa skarn għall-aħħar minn dettalji sinjifikanti ħafna dwar dan. L-anqas tgħid kien hemm xi forma ta' inċident li l-appellant kien involut fih u li minnu l-Qorti tista' tiddeżumi b'xi mod li huwa ma kienx f'kundizzjoni li jsuq ***minħabba*** xorb jew drogi. Il-provi oġġettivi f'dan il-każ huma neqsin.

65. Minħabba li, għar-raġunijiet imsemmija aktar il-fuq, din il-Qorti ġiet privata mill-prova teknika tar-riżultat tal-*breathalyser test*, hi ġiet f'sitwazzjoni simili għal dik li din il-Qorti diversament presjeduta sabet ruħha fiha fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Raymond Debono*** deċiż nhar il-21 ta' Jannar 2016 fejn għalkemm il-Pulizija xammew riħa ta' xorb fuq is-sewwieq, ma kienx hemm provi oħra oġġettivi li setgħu jagħtu indikazzjoni aktar b'saħħitha dwar il-mod tas-sewqan tal-appellant, u jekk kienx hemm indikaturi ta' spavalderija jew erratiċita inspjegabbli fis-sewqan ta' tal-appellant, li setgħu kienu kaġun tal-inċident u li huma wkoll

ritenuti **<u>bħala indikaturi li sewwieq ikun taħt l-effett ta' xorb alkoħoliku</u>** mill-appelli kriminali ***Il-Pulizija vs. Brenda Agius*** deċiż nhar il-15 ta' Mejju 2008 u ***Il-Pulizija vs. Martin Zammit*** deċiż nhar it-13 ta' Frar 2013.

66. Biss apparti minn hekk, ma hemmx provi oħra li jindikaw il-kliem u l-imġieba tal-appellant li minnhom din il-Qorti tista' tasal tikkonkludi li huwa kien jikkwalifika bħala persuna li tkun qegħda ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku ieħor **<u>u</u>** ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq ***<u>minħabba</u>*** xorb jew drogi li għal xi ħin inaqqsulu l-kapaċità tiegħu li jsuq sew.

67. Dan jippreżenta wkoll xenarju simili għal dak riskontrat fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Ramon Fenech*** deċiż nhar is-26 ta' Marzu 2015 fejn intqal li :

> Veru illi baqa' diehel fuq il-karozza ta' quddiemu imma dan seta' kien sforz ta' traskuragni jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-appellat, izda mhux minhabba xorb jew drogi. Persuna jista' jkollha rieha ta' xorb però b'daqshekk ma jfissirx illi ma kinitx f'kondizzjoni li ssuq. Biex tasal ghal dik il-konkluzjoni dan irid ikun abbinat ma' xi haga ohra bhal sewqan erratiku jew inkella rizultat ta' breathalyzer test mehud skont il-ligi. Ghalhekk hawn ukoll il-Qorti ssib illi ma tistax issib htija ghal dak li jirrigwarda t-tieni akkuza.

68. Kif intqal aktar il-fuq f'dan il-każ ma ġiet preżentata ebda prova ta' kif l-appellant kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu qabel ma huwa ġie mwaqqaf mill-Pulizija fir-*road-check* relattiv. Fix-xenarju probatorju f'dan il-każ l-anqas prova ta' xi kliem, inċident, jew impatt fuq persuni, vetturi jew oġġetti oħra ma kien hemm. Din il-

Qorti ma tqisx li jkun *safe and satisfactory* li ssib ħtija wkoll fit-tieni imputazzjoni.

69. Illi fid-dawl li din il-Qorti sejra tilqa' dawn iż-żewġt aggravji mhix ser tkompli tieħu konjizzjoni tal-kumplament tal-aggravji sollevati.

## *Deċide*

Għal dawn il-motivi din il-Qorti din il-Qorti tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tilliberah minn kull ħtija, piena u konsegwenza.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***